# Il-Faqar qalb il-Bosta

Għax il-Kapitaliżmu ilu magħna għal żmien kemm xejn twil, hemm min jaħsbu l-aqwa riqma ekonomika li qatt tista' tkun. Illi l-Kapitaliżmu għamel id-dinja agħna minn li kienet jinlaqa' u jingħadda. Dak li jgħaġġeb hu li rnexxa hekk sew minn naħa l-waħda u weħel hekk għall-aħħar fl-oħra. Dak li rrid ngħid hu dan: il-Kapitaliżmu seta' jħaddem il-ġid ta' l-art u ħaddmu tajjeb għax issa l-ħtiġiet tal-ħajja huma b'irħas u bil-bosta u iżjed milli jistgħu qatt jinxtraw. Imma sewwa sew dawn l-aħħar kelmiet jixlu l-Kapitaliżmu bil-ħtija tiegħu. Tabilħaqq, hawn il-bosta, iżda hawn ukoll il-faqar qalb il-bosta. Kif jista' jkun dan?

Naqraw li fl-Amerka kienu jaħarqu ta' sikwit il-qamħ biex iżommu prezzu għoli. Naqraw ukoll li l-Brażil jixħtu fil-baħar il-kafè għall-istess raġuni. Iżda kemm hawn min loqma ħobż ma jistax jixtriha, min sitt ħabbiet kafè ma jistax jixrobha! Tgħid int dak il-kafè li jintrema jista' jiġi mogħti lil min ma għandux biex jixtri. Imma mhux hekk jaħseb min isejjed l-għelieqi mħawla bil-kafè: dan jgħid, jekk nagħti b'xejn, il-prezz tal-kafe jinżel għax kafè jkun hemm bil-kotor, fil-waqt li jekk innaqqsu mis-suq ikun imfittex u jogħla fil-prezz.

Dan hu mela l-għelt ewlieni tal-Kapitaliżmu. Kieku kien tajjeb għal kollox fi ħwejjeġ oħra, li għandna l-faqar qalb il-ġid kien ikun biżżejjed biex iġiegħel min jitħasseb. Id-dinja tista' titmagħna u tlibbisna iżjed ukoll milli rridu, u ma' dan kollu iktar minn nofs il-bnedmin huma mixtieqa minn l-aqwa ħteġiet tal-ħajja.

Kulħadd għandu jaqbel li hawn jinsab nuqqas ta' ħaqq. Il-ġid tad-dinja mhux imqassam sewwa, mhux għax dan jinħtieġ dejjem jibqa' hekk, iżda għax it-taqsim li għandna f'idejna (il-Kapitaliżmu) hu daqshekk mwiegħer li qatt ma jista' jkun imxerred biex kulħadd igħix hieni.

Il-faqar f'dinja li għandha ġid biżżejjed għal kulħadd u iż-żejjed ukoll! Il-moħħ tal-bniedem kellu ħila jislet ġid fuq

ġid minn l-art imma ma kellux ħila s'issa jxerrdu bil-ħaqq biex il-bnedmin kollha jkollhom sehemhom. L-għoqda li qed tħabbel moħħ l-ekonomisti kollha hi dik tat-tixrid tal-ġid. Qed jippruvaw isawru riqma fejn kulħadd ikollu sehem fil-ġid taddinja. Mhumiex ta' fehma waħda dwar in-nisel ta' dawn iddivrenzji fit-tixrid tal-ġid. Min iwaħħal fil-flus billi hu mgħaqqad mad-deheb, min igħid li l-flus jaħtieġ ikun werrej u werrej biss ta' ġid mingħajr ebda siwi fih in-nifsu (kif sar fost ilbankieri l-kbar); min iwaħħal fit-tisjid ta' l-art u ta' l-industrja mill-privat. Major Douglas ta' l-Alberta, il-Kanada, ħareġ b'din it-tijorija li hu issa qed ifittex iħaddem: Qal li f'kull industrja (fl-Industrji kollha bħala ħaġa waħda) hemm għadd ta' flus meħtieġa għal l-infiq fuq materjal nej, dan semmieh "A", u għadd ieħor għall-ħlas tal-ħaddiema, dan semmieh "B". Qal li dejjem "A" hu minn xi seba' sa disa' darbiet ikbar minn "B". Wara li l-materjal jinħadem, joħroġ fuq is-suq għall-bejgħ; uġġetti li jiswew "A B" għandhom jinxtraw b'għadd ta' flus "B". Hekk, qal Major Douglas, ikun hemm dejjem iż-żejjed fis-suq li qatt ma jista' jinxtara. Qal li biex insewwu jaħtieġ noħorġu "karti ta' kredtu" lill-ħaddiem sa kemm "B" jsir "A-B" u jkun jista' jixtri l-uġġetti kollha li jiswew "A-B". Dan mhux ħlief "inflazzjoni" li jnissel deni kbir jekk ma jkunx maħkum bir-reqqa, billi jgħolli l-prezzijiet. Din ir-riqma għaddejja l-ewwel tiġriba tagħha fi żmienna fl-Alberta, Kanada. Innisel għadna ma nafuhx. Tirnexxi? Jekk tirnexxi tkun ħalletilna għoqda mingħajr taqlib kbir fir-riqma tal-lum, riqma li l-ħaqq soċjali jitlob li titwarrab. Il-moħħ tal-bniedem wasal f'tarfu? Ma nemminx.

2-2-37 F. Amato Gauci